MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 410/2010/1

**Appell numru: 410/2010**

**JOHN MARY CIAPPARA**

**(ID.NRU. 435369M)**

**vs**

**PAULINE DEBONO**

**(ID.NRU. 676160M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-23 ta' Settembru, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Ra t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-16 ta' Marzu, 2010 u li permezz taghha talba lill-intimata thallasu s-somma ta' elfejn u sebghin euro [€2,070] u dan wara li ppremetta hekk:*

*"L-attur jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallsu s-somma ta' elfejn u sebghin euro (€2,070) konsistenti, in kwantu ghas-somma ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) rappreżentanti l-hlas lilu dovut ghall-magna u spare parts minnu mqieghde fuq inkarigu tieghek fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Santa Fe bin-numru ta' reġistrazzjoni OCT-666 inkluz ukoll il-hlas tal-mano d'opera u in kwantu ghas-somma ta' mija u sebghin ewro (€170) rappreżentanti spejjez extra-gudizzjarji legali minnu nkorsi, bl-ispejjez tal-prezenti u bl-ispejjez u drittijiet konnessi mal-ittra uffiċjali preżentata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 19 ta' Jannar 2010 u bl-imghax legali mit-22 ta' Jannar, 2010 (id-data tan-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali) kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni".*

*Ra r-risposta tal-intimata minnha mressqa fl-14 ta' April, 2010 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:*

*"Preliminarjament, illi l-eccipjenti ma ghandhiex relazzjoni ġuridika ma' l-attur.*

*Sussidjarjament u minghajr preġudizzju ghal premess illi x-xoghol maghmul mill-attur mhux skond is-sena u l-arti u l-magna installata minnu fil-vettura ta' l-eccipjenti ma kienitx adegwata u kompatibbli mal-vettura u lanqas ma kienet tahdem tajjeb li taqdi l-iskop taghha.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u salv kull dritt iehor spettanti lill-eccipjenti".*
*Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;*

*Semgha' x-xhieda;*

*Ra l-atti;*

*Ikkunsidra:-*

1. *Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elfejn u sebghin euro [€2070], liema somma hija dovuta ghal magna u spare parts imqieghda mir-rikorrenti fuq vettura tat-tip Hyundai Santa Fe proprjetà ta' l-intimata, kif ukoll ghall mano d'opera u*

*spejjez extra ġudizzjarji. L-intimata da parti taghha qalet li hi ma ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u li x-xoghol li ghamel ir-rikorrenti ma huwiex skond is-sengha u l-arti u li l-magna installata mir-rikorrenti fuq il-vettura taghha ma kienitx kompatibbli mal-vettura taghha u lanqs ma kienet tahdem tajjeb li taqdi l-iskop taghha. Ghalhekk talbet li t-talba tiġi michuda. Ikkunsidra;*

2. *Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010 xehed Stefan Fiorini. Xogholu huwa ta' mechanic. Huwa qal li l-partijiet jafhom. Lir-rikorrenti jafu l-ghaliex jahdem ukoll bhala mechanic filwaqt li lill-intimata jafha ghax kienet użat is-servizzi tieghu. L-ahhar darba li kienet marret ghandu l-intimata bil-vettura taghha kien meta din bdiet iddahhan u timmissja. Huwa kien qalilha li kien ahjar li jkellem lil xi hadd li kien jifhem fil-pompi tad-diesel l-ghaliex hu ma kienx jidhol fihom. L-intimata kienet marret ghand xi hadd mlaqqam is-Simblu u dan kien ikkomunika mieghu u qallu li l-problema ġejja mill-magna. L-intimata regghet hadet il-vettura ghand ix-xhud u huwa fetah il-magna u fiha sab li l-blokka kienet rabbiet il-hanek u li kellha qasma (krekjatura) fis-sleeve. Meta sab dawn ix-xhud kellem lill-inginier tieghu. L-intimata, jkompli jghid dan ix-xhud, kienet marret ghand l-agent tal-Hyundai biex tinghata stima tal-ispare parts li kellha bżonn. L-istima kienet ta' cirka €800. Kien hemm ukoll xi parts li riedu jingiebu minn barra u allura x-xhud kellhu jordnalhom u jaghtiha stima taghhom. Talab ukoll stima minghand l-inginier sabiex b'hekk ikun jista jaghtiha stima totali ta' l-affarijiet kollha, inkluż tax-xoghol. Qal li meta hadem kollox, l-istima biex il-vettura tat-tip Hyundai Santa Fe titranġa kienet ta' l-fuq minn €1,900. Meta huwa ta l-istima, kien gie diskuss jekk kienx iktar ghaqli li tinbidel il-magna kollha l-ghaliex "... ma konniet ċerti li mit-tiswijiet illi konna ser naghmlu kienx ser jiffunzjona kollox sew" (fol. 11). L-intimata, skond dan ix-xhud, kienet talbitu sabiex jaghmlilha l-magna fil-vettura taghha u hu qalilha "... illi dan ma kienx xogholi però kont nahdem id f'id ma' l-attur u kont nafdah fuq xogholu" (fol. 11). Huwa talbu jaghtih stima tax-xoghol kemm kien ser jiswa u r-rikorrenti tah stima ta' cirka €1,700.*

*Meta x-xhud informa lill-intimata bl-ispiza, hija qaltlu li seta' jipproċedi biex jbiddel il-magna. Gab lil tat-towing u ha l-vettura fil-garaxx tar-rikorrenti. Wara li r-rikorrenti lesta x-xogholijiet fuq din il-vettura huwa innotta li kien hemm "... leakage fil-pompa tad-diesel" (fol. 11). Fil-fatt ikompli jghid ix-xhud, l-intimata suppost li hadet il-vettura ghand is-Simblu biex jirranġalha din il-problema l-ghaliex dak huwa xogholu. Ix-xhud però gie nfurmat li wara ftit granet li kienet haditha ghand is-Simblu, din il-vettura kienet waqfet. L-intimata kienet ċemplet lix-xhud b'din il-problema u huwa qalilha li l-problema kienet fir-rigward tal-pompa li kien hemm fit-tank tad-diesel u li kellha titnehha.*

*Kompla jispjega li "... fil-fatt din il-pompa prattikament ġiet bla effett minhabba li ġiet iffitjatha l-magna l-gdida ghaliex ma jkollhiex bżonn din il-pompa, u ghalhekk imbaghad li jiġri huwa illi ma jkunx hemm diesel minhabba li b'din il-pompa ma jasalx id-diesel fil-magna" (fol. 11). Minhabba f'hekk, il-vettura proprjetà ta' l-intimata regghet ittiehdet ghand ir-rikorrenti u "... minn hemm il-konvenuta bdiet issemmi l-problemi li qatt ma kienet semmiet qabel u cioe in partikolari rigward il-magna li hi kienet insistiet li kienet riditha tal-marka Toyota però ma kinetx informatna ghal ta' liema sena kienet qed titlob; u filfatt bdiet tgerger u tilmenta illi ma kinetx tas-sena li riditha hi din il-magna" (fol. 11-12).*

*Ix-xhud qal ukoll li l-magna li kellha l-intimata fil-vettura taghha kienet tat-tip Turbo Diesel u 20 CRDI. Il-magna li twahhlet kienet tat-tip Turbo Diesel però mhux bis-CRDI. L-intimata insistiet li hija jkollha magna tat-tip Toyota u fil-fatt dik it-tip ta' magna ġiet installata fuq il-vettura taghha. Jaghlaq billi jghid li l-intimata bdiet titlob garanzija li din il-vettura ma terġax tieqaf. Huwa qalilha li "... dwar il-magna kelli garanzija minn ghand min konna akkwistajniha, però l-garanzija li l-vettura terga tieqaf fuq xi kwistjoni jew ohra jiena ma stajtx intiha" (fol. 12).*

3. *Ir-rikorrenti xehed fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010. Huwa qal li jaghmel xoghol ta' mechanic u l-aktar xoghol li jaghmel huwa li jqieghed il-magni fil-karrozzi. Huwa qal li hu u Stefan Fiorini jahdmu flimkien u jaghtu x-xoghol lil xulxin. Fil-kaz odjern, Stefan Fiorini kien ċempel lir-rikorrenti u qallu x'kien hemm bżonn li jsir fuq din il-vettura proprjetà tal-intimata. Huwa kompla jghid li l-intimata kienet iddeċidiet li trid tbiddel il-magna u kienet talbet illi titpoġġa magna ġdida tal-marka Toyota. Huwa mar jara din il-vettura li kienet fil-garaxx ta' Stefan Fiorini. Huwa qal li l-istima biex titbiddel din il-magna kienet titla ghal cirka €1,700. Wara l-vettura ta' l-intimata ġiet ittowjata fil-garaxx tar-rikorrenti u huwa kien hallas is-somma ta' €30 ghal dan is-servizz ta' garr minn Tal-Handaq ghal Birzebbuga.*

*Ir-rikorrenti qal ukoll li huwa xtara l-magna tat-tip Toyota 2C second hand minghand Pawlu Micallef mir-Rabat li ilu jahdem mieghu ghal żmien twil u "... naf x'xoghol itini u nafdah" (fol. 14). Qal illi kull meta xtara minghandu qatt ma kellhu problemi.*

*Huwa qal ukoll li Stefan Fiorini kien infurmah li l-intimata kienet qaltlu li setat titbiddel il-magna. Il-magna li ġiet akkwistata mir-rikorrenti kienet tat tip diesel*

*u ta' 24 horse power. Huwa kompla jghid li din il-vettura "... tiffitja fil-vettura tal-konvenuta u mhux ghax taqbel" (fol. 15). Din il-magna second hand inxtrat ghas-somma ta' €870 u hallas ghaliha ukoll ir-rikorrenti. Meta gie biex jqieghed din il-magna, din kellha titwahhal minn taht u mhux minn fuq u ghalhekk kien hemm il-htiega li jkun hemm erba' persuni ohra li jghinuh. Fost dawn l-erba' persuni kien hemm Stefan Fiorini. Kien hemm perjodu ta' gimgha u nofs fejn ir-rikorrenti ma setax jahdem fuq il-vettura proprjetà ta' l-intimata ghaliex kellhu inċident fuq il-post tax-xoghol. L-intimata kienet iċċempel lir-rikorrenti biex tara l-andament tax-xoghol u sahansitra kien anke mar binha fil-garaxx tieghu kif ghamlet ukoll l-intimata.*

*Fuq il-magna second hand li huwa xtara minghand Pawlu Micallef, ir-rikorrenti inghata garanzija ta' tlett xhur. Ir-rikorrenti kien qal ukoll li huwa spjega "... lill-konvenuta li din it-tip ta' magna li kont ser niffitjala ma kienetx ser timbotta daqs il-magna li kellha fil-vettura originarjament" (fol. 15). Huwa spjegalha ukoll li hija setat tuża din il-vettura bil-magna l-gdida ghal perjodu tal-garanzija u li jekk ma kienitx kuntenta biha u dan fis-sens li ma kienitx "... ser taghti dik l-imbottatura kif kienet bil-magna oriġinali u allura ghedtilha li tiehu z-zmien taghha sabiex tara jekk tidrahiex biex issuq b'din il-magna, u jekk ma kinetx dratha daqshekk allura kien opportun li jiena inzidilha t-turbo" (fol. 15).*

*Ir-rikorrent ighid li l-intimata hadet il-vettura u huwa qalilha biex tmur tipprovaha "... u dak il-hin stess ġiet lura u qaltli li kienet qed thossha qisha trakk; u jena allura erġajt irrepetejtilha d-diskors li kont ghedtilha dwar li nzid it-turbo u nibbustjalha l-magna" (fol. 15). Ir-rikorrenti qal ukoll li kien hemm problema li kienet qed tqattar ftit diesel mill-pompa u r-rikorrenti baghat lill-intimata ghand is-Simblu li "... huwa wiehed speċjalizzat fil-pompi sabiex jirranġalha l-pompa" (fol. 15) u li hu kellhu jiehu l-pagamenti mas-Simblu. Meta l-intimata hadet il-vettura minghand ir-rikorrenti, huwa ghaddielha l-kont tieghu li b'kollox kien tela' ghal €1,900. Dan l-ahhar ammont kien jinkludi l-ispejjez tat-towing, tax-xiri tal-magna, xiri ta' parts u tax-xoghol tieghu. Sal-lum, l-intimata ghadha ma hallsitu ta' xejn.*

*Ir-rikorrenti jistqarr li meta l-intimata hadet il-vettura taghha minghandu, hija taghtu s-somma ta' €1,000 permezz ta' ċekk u qaltlu li hija kienet ser thallsu l-bilanc wara li huwa jsewwi l-pompa. Meta mar biex issarraf dan ic-cekk però*

*irriżulta li ma kienx hemm biżżejjed fondi fil-kont bankarju u ghalhekk ma issarrafx. Ir-rikorrenti jghid li l-intimata kienet ċemplitlu u qaltlu li kienet ser iġġiblu flus kontanti. Jistqarr però li meta marret ghandu, l-intimata baqghet ma gabitlux flus u ilmentat mieghu li l-vettura taghha kienet qeghda tiqfielha.*

*Ir-rikorrenti ghamel investigazzjoni fuq il-vettura biex jara x'kienet il-problema u fil-fatt skopra li din il-vettura kellha pompa fit-tank tal-fuel. Huwa ċempel lis-Simblu u kien qed jispjegalu xi skopra. Fil-fatt, ir-rikorrenti kien qalha s-seat ta' wara u skopra li kien hemm pompa, liema pompa huwa kien jehtieglu li jaqlaha u jbiddilha permezz ta' pipe. Dan ovvjament kien jirrikjedi ċertu hin u xoghol u ghalhekk kellhu jżomm il-vettura ghandu. L-intimata però ma riditx u hadet il-vettura d-dar taghha u allura l-vettura ma ssewwietx. Ir-rikorrenti jistqarr li huwa "... qatt ma rrifjutajt li nsewwilha l-vettura taghha" (fol. 17).*

*Ir-rikorrenti qal ukoll li waqt li kien qieghed isuq il-vettura ta' l-intimata, din waqfitlu. L-intimata bdiet tghid lir-rikorrenti li l-magna li kien ghamlilha r-rikorrenti fil-vettura tieghu kienet wahda qadima. Dwar dan il-punt, ir-rikorrenti qal li "... bit-tip ta' magna li kienet talbet il-konvenuta tal-marka Toyota ma kienux jeżistu 'moderni' jew 'antika' ghaliex huma kollha dan it-tip ta' magni tat-Toyota 2C" (fol. 17).*

4. *Fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2011 xehed Paul Micallef. Beda biex jghid li huwa jimporta magni mill-Gappun u jbieghhom u ilu jaghmel hekk ghal dawn l-ahhar 11-il sena. Huwa kkonferma r-ricevuta li hemm esebita a fol. 21 tal-process.*

5. *Fis-seduta tas-17 ta' April, 2012 xehdet l-intimata. Bdiet biex tghid li f'Diċembru, 2008 hija kienet hadet il-vettura taghha tat-tip Hyundai Santa Fe ghand il-mechanic personali taghha Stefan Fiorini biex jirranġalha l-clutch tal-imsemmija vettura. Huwa qalilha li fi żmien hames xhur kellha terga' tehodlu l-vettura u dan sabiex jkun jista jara l-blokka tal-magna peress li l-istess vettura kienet qeghda ddahhan. F'Mejju, 2009 l-intimata hekk ghamlet u hadet il-vettura taghha ghand il-mechanic Stefan Fiorini. Wara li ezaminalha l-blokka, huwa qalilha li kellha girfa u li kien ser jiehu l-vettura ghar-rebore. Wara gimgha, l-intimata marret ghand il-mechanic u hemm setat tara li kienet tnehhitilha parti mill-magna. Hija ġiet infurmata li l-blokka ma setatx titranġa u Fiorini kien issuggerielha li tbiddel il-magna. L-intimata tghid li hija ma qablitx ma dan u ssuggeriet li tixtri l-blokka u tbiddel dik il-parti biss. Hija fil-fatt marret ghand l-agent u ġabet stima ta' €1,116 ta' blokka ġdida. Fiorini kien qalilha li dan l-ammont kien hafna u li b'dak il-prezz hija kienet tixtri magna*

*Toyota. Hi ma qablitx ma dan is-suggeriment u bdiet tfittex fuq l-internet sabiex isib magna tat-tip Hyundai Santa Fe. Sabet wahda iżda Fiorini reggha qalilha li ġaladarba huwa kien zarmalha l-magna tal-vettura taghha, jekk iġib magna minn barra, din ma setatx titqabbad. Ghalhekk hija staqsietu x'kien ser jiġri u hu qalilha sabiex tfittex magna li kienet kapaċi daqs li kellha minn hawn Malta stess. Hija fil-fatt hekk ippruvat taghmel u marret ghand diversi aġenti hawn Malta li jimpurtaw il-magni tal-vetturi. Fl-ahhar hija qalet lil Fiorini li kienet sabet magna tat-tip 3C minghand Frankit iżda dan, skond l-intimata, ma kienx qabel maghha u qalilha li kien ser jinstallal-magna ta' siehbu. L-intimata tghid li "Stefan qabad u niżżel il-karozza ghand dan l-individwu minghajr ma qal lili minn kienet il-persuna u sussegwentement sirt naf li din il-persuna hija John Ciappara l-attur odjern" (fol. 38). Meta imbaghad saret taf fejn kienet il-vettura, hija bdiet tiffitta lir-rikorrenti sabiex illestilha l-vettura. L-intimata tghid ukoll li hija kienet hadet il-vettura ghand Stefan Fiorini fis-27 ta' Gunju, 2009 u kien biss fl-1 ta' Ottubru, 2009 li r-rikorrenti wahhal il-magna tat-tip Toyota 2C fl-imsemmija vettura. L-intimata marret ghand ir-rikorrenti biex tiġbor il-vettura u huwa talabha thallsu s-somma ta' elf u disa' mitt euro (€1,900). Hija ma qablitx ma dan u qaltlu li riedet tara l-magna li kienet ġiet installata. Skond l-intimata, r-rikorrenti ma riedx li hija tara l-magna u lanqas li tipprova ssuq ftit il-vettura iżda riedha thallsu. Minhabba f'hekk gieha dubju li l-vettura ma kienitx sew. Sabiex tizblokka s-sitwazzjoni l-intimata offriet li taghtih ċekk ta' €1,000, liema ċekk hija talbet lir-rikorrenti sabiex ma jsarrfux ghal erbat' ijiem u li wara kienet ser tirritorna lura bi flus kontanti u thallsu l-ammont kollu. X'hin taghtu c-cekk, hija hadet il-vettura u bdiet issuq. Hekk kif appena waslet xi ftit metri l-boghod mill-garaxx tieghu l-vettura waqfet u hija marret lura ghand ir-rikorrenti bil-mixi u qaltlu b'dak li kien ġralha. Skond l-intimata, r-rikorrenti kien qalilha li kien qieghed jiġri hekk sakemm hi tidhra l-magna. Fil-fatt hi startjat il-vettura u kompliet fi triqitha lejn darha. Minn Birzebbuga sa Haz-Zebbug, tghid l-intimata, l-vettura waqfitilha xi tnax-il darba. Meta waslet Haz-Zebbug hija ċemplet lir-rikorrenti u qaltlu li l-vettura ma kienitx qeghda tahdem sew iżda r-risposta tieghu, dejjem skond l-intimata, kien li hu ma jinteressahx u li ried il-hlas. Qaltlu ukoll li kienet waqghet roqqa kbira ta' diesel mill-magna u huwa qalilha li dik ma kienet xejn u li kien ser jehodha ghand is-Simblu biex jirranġalha l-pompa. Hija fil-fatt hadet il-vettura ghandu u wara li regghet marret ghaliha, hija staqsietu x'kellha taghtih u hu qalilha li kien ser jirranġa mieghu r-rikorrenti. Minkejja dan l-intervent da parti tas-Simblu, l-vettura xorta wahda kienet qeghda taghti l-problemi lill-intimata. Hija ċemplet lir-rikorrenti u talbitu sabiex ibiddilha l-magna. Skond hi, r-rikorrenti ma aċċettax. Hija qaltlu li kienet ser tixtri magna u talbitu jinstallaha. Ir-rikorrenti reggha wegibha fin-negattiv. L-intimata marret u xtrat magna tat-tip Toyota 3C minghand Frankit Limited u kienet inkarigat lil mechanic iehor jismu Mario Cardona sabiex jinstallalha din l-istess magna f'din l-istess vettura. B'kollox hija hallset €900 lil Frankit Limited ghall-magna*

*u €1987 lill-Mario Cardona talli wahlilha l-magna. B'kollox hija tghid li nefqet is-somma ta' €3,515 biex sewwiet il-vettura taghha.*

*L-intimata qalet ukoll li hija ċemplet lir-rikorrenti biex jiġbor il-magna li kien installalha fil-vettura taghha iżda din il-magna ghadha ghandha l-ghaliex ir-rikorrenti ma riedx jiġborha lura.*

*Finalment, l-intimata tghid li "Jiena ovvjament ma ridtx inhallas lill-attur ta' dak li kien ghamilli l-ghaliex dak li ghamel ghalija ma sewa xejn" (fol. 41).*

*Fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2012 beda l-kontro-ezami ta' l-intimata. Hija bdiet biex qalet li bejn Dicembru tas-sena 2008 u Mejju tas-sena 2009 hija kienet hadet il-vettura taghha ghand is-Simblu u dan wara li kien qalilha sabiex taghmel hekk Stefan Fiorini. L-intimata tghid ukoll li ghand dan l-ahhar persuna hija kienet marret darbtejn. Darba ghal service u darb' ohra sabiex ibiddlilha l-breaks. Madwar gimgha wara li kienet hadet il-vettura taghha ghand is-Simblu, hija regghet marret lura ghand Stefan Fiorini u dan sabiex jaghmlilha rebore tal-magna. Huwa qalilha li kien hemm żewġ girfiet fuq il-blokka u li "... meta ftit taz-zmien wara jiena erġajt mort lura ghand Stefan sibt il-magna tal-karozza maqlugha" (fol. 52). Stefan Fiorini ukoll kien qal lill-intimata li huwa kien ser jiehu l-karozza bit-towing il-Marsa halli tkun tista titwahhal il-blokka. L-intimata qaltlu li kienet ser tibghat lil tat-towing taghha u dan peress li kellha membership imhallas. Meta mar tat-towing huwa spiċċa ma gibidx il-karozza u dan peress li l-vettura ma kellhiex il-magna u huma kienu jiġbdu biss vetturi bil-magni. Meta hija staqsiet lil Stefan Fiorini x'kienet din il-bicca, huwa qalilha li "... l-magna ma kinitx tajba u ma setatx tissewwa u kien hemmhekk illi huwa wkoll issuggerili li l-magna tinbidel" (fol. 53). Hija ma qablitx ma dan is-suggeriment u dan peress li ma rieditx tonfoq flus. Wara imbaghad qablet li tinbidlilha l-magna. L-intimata qablet ukoll li r-rikorrenti "... ghamilli x-xoghol fuq il-karozza tieghi però ghamel dan ix-xoghol minghajr il-kunsens tieghi" (fol. 53) u "Stefan Fiorini kien qabad u ha l-karozza ghand John Mary Ciappara minghajr ma qalli fejn ser jehodha" (fol. 53-54). Sussegwentement saret taf li Stefan Fiorinbi kien ha l-vettura ghand ir-rikorrenti u kien minn hemm li l-intimata bdiet tistaqsi lir-rikorrenti meta kien ser ilestilha l-vettura taghha.*

*L-intimata ikkonfermat li c-cekk li kopja tieghu ġiet esebita a fol. 21 tal-process inhareg mill-kont taghha u gharfet il-firma taghha fuq l-istess. Hija tghid li c-*

*cekk hareg favur ir-rikorrenti u dan peress li huwa ma riedx jaghtiha l-vettura qabel ma thallsu tax-xoghol.*

*Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012 gie konkluż il-kontro-ezami tar-rikorrenti. F'din is-seduta, l-intimata qalet li hi sal-lum qatt ma ghamlet xi proċeduri kontra r-rikorrenti minhabba li l-magna li huwa installalha ma kienitx tajba ghall-vettura taghha. Ghalqet billi qalet li "Il-magna tal-karozza li kien ghamilli r-rikorrenti qlajtha minn fuq il-vettura tieghi u nstallajt ohra. Lir-rikorrenti jiena ghidtlu kemm il-darba biex jiġi jiġbor din il-magna, qatt ma gie ghaliha u jiena qatt ma ddepozitajtha taht l-awtorita tal-Qorti. Ir-rikorrenti kien jghidli jiena flus irrid mhux il-magna" (fol. 60).*

6. *Ra n-nota esebita mir-rikorrenti fit-28 ta' Dicembru, 2010 (fol. 18 et seq) fejn gew esebiti, fost affarijiet ohra, prospett ta' l-ammont reklamat u r-ricevuti u dokumenti in konnessjoni ma' l-istess.*

*Ikkunsidra;*

7. *Mill-provi processwali jirrizulta li l-intimata kienet hadet il-vettura taghha ghand Stefan Fiorini sabiex isirilha xi xoghol minuri u minn dan ix-xoghol irriżulta li l-blokka tal-magna kellha xi żewġ girfiet fiha. Minn aktar investigazzjonijiet li saru irriżulta li kellha titbiddel il-magna u dan peress li jekk kien ser isir rebore l-hsara xorta kienet terga tirrinfaccja l-quddiem. L-intimata u Stefan Fiorini kienu qablu li kellha tinbidel il-magna tal-vettura taghha tat-tip Hyundai Santa Fe. L-istess Stefan Fiorini kien issuggerielha li hija taghmel magna tat-tip Toyota 2C. Kien qalilha ukoll li l-magna kienet ser titwahhal minn siehbu u cioe r-rikorrenti. L-intimata, wara li l-vettura ittiehdet mill-garaxx ta' Stefan Fiorini ghall-garaxx tar-rikorrenti, bdiet tissikka lir-rikorrenti biex ilestilha l-vettura taghha u dan peress li hija kienet ilha minghajrha sa mid-29 ta' Gunju, 2009. Sa fl-ahhar fil-bidu ta' Ottubru, 2009 hija hadet il-vettura minghand ir-rikorrenti iżda l-vettura bdiet mal-ewwel bil-problemi u dan fis-sens li din bdiet tieqaf. Fatt dan rikonoxxut mir-rikorrenti stess li malli l-intimata ċemplitlu biex tghidlu li l-karozza kienet waqfitilha, baghtha ghand is-Simblu ġewwa Haz-Zebbug u li huwa kien ser ihallas l-ispejjez neċessarji sabiex din il-vettura tissewwa. Sussegwentement, l-intimata spiċċat biddlet din il-magna tramite l-intervent ta' mechanic iehor u spiċċat hallset ftit aktar minn €3,500 biex l-vettura taghha ġiet tahdem kif kienet qabel ma ghamel l-intervent tieghu r-rikorrenti. Il-magna li ġiet installata u li fil-prezent tinstab fil-vettura ta' l-intimata hija tat-tip Toyota 3C. L-intimata*

*stqarret ukoll li l-magna li kien installa r-rikorrenti tat-tip Toyota 2C ghadha fil-pussess taghha.*

*Ikkunsidra ulterjorment;*

8. *Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li jekk ir-rikorrenti kien jaf li l-magna li kienet sejra titpogga fuq il-vettura ta' l-intimata ma kienitx sejra tkun tajba biex isservi l-iskop taghha allura huwa messu ma nstalla xejn u kien jiddiskuti maghha dwar il-possibilita li titqieghed magna akbar kif effettivament tqeghdet minn haddiehor. Meta individwu jinkariga lil xi hadd sabiex jaghmel xi haga ghalih, dan ta' l-ahhar ghandu jara li l-oggett li huwa jaghmel ikun ta' utilita ghall-individwu li jinkarigah u li l-oggett li jsir iservi l-iskop tieghu. Ir-rikorrenti huwa persuna li jifhem f'xogholu u allura messu kien kapaci javza lill-intimata li l-magna li kienet sejra tigi installata fil-vettura taghha ma kienitx ser iservi l-iskop taghha. L-intimata kellha tigi gwidata minnu u minn hadd izjed. Fil-fatt, anke mix-xhieda tieghu stess jirrizulta li huwa kien jaf li l-magna li giet installata ma kienitx adegwata. Insibu per ezempju li huwa kien qal lil intimata li "... jiena kont spjegajt lill-konvenuta li din it-tip ta' magna li kont ser niffitjala ma kienetx ser timbotta daqs il-magna li kellha fil-vettura originarjament" (fol. 15) u "Jiena kont spjegajtilha illi tista tuza din il-vettura bil-magna li iffitjajtilha ghal perjodu tal-garanzija u jekk ma kinetx kuntenta biha fis-sens illi din ma kinetx ser taghti dik l-imbottatura kif kienet bil-magna originali u allura ghedtilha li tiehu z-zmien taghha sabiex tara jekk tidrahiex biex issuq b'din il-magna, u jekk ma kinetx dratha daqshekk allura kien opportun li jiena nzidilha t-turbo" (fol. 15). Dwar it-turbo huwa spjega li turbo diga kien hemm u li jkun hemm bzonn li tigi bbustjatha (fol. 25).*

9. *Madanakollu, jirrizulta li r-rikorrenti ghamel spejjez li l-intimata ghandha twiegeb ghalihom, fosthom it-towing tal-vettura ta' l-intimata u x-xiri tal-parts u tal-magna li sal-lum ghadha fil-pussess ta' l-intimata li qatt ma ddepositatha taht l-Awtorita tal-Qorti. Dan it-Tribunal huwa moghni bis-setgha li jiddeċiedi bl-ekwita u fil-fehma tat-Tribunal, dan huwa proprju kaz car fejn ghandha tapplika din ir-regola in vista ta' dak li ghadu kif appena inghad f'dan il-paragrafu l-ghaliex ma huwiex gust li l-intimata tiggwadanja minn dak li ghamel ir-rikorrenti fil-vettura taghha. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-Att Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jinghad li:*

*"7 (1) It-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita:*

*Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata skond il-ligi".*

10. *Fil-kawza fl-ismijiet Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Jannar, 2012 per Imhallef Dr. Raymond C. Pace inghad li:*

*"Illi dan ifisser li l-principju tal-ekwita' huwa bazilari fid-decizjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li ghandu jara, li kemm jista'jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur necessarjament lill-hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta".*

11. *Imbaghad il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Kap. 380 jistipula li gudikatur –*

*(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta;*

12. *Kif inhu risaput, dak li hu ekwu necessarjament huwa gust u l-ekwita hi proprju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. Huwa veru wkoll illi l-ekwita timporta l-uzu ta' l-arbitriju diskrezzjonali izda biex dan l-istrument decizjonali jkun tabilhaqq effettiv ma jridx lanqas jivvjola n-normi pozittivi tal-gustizzja, sew procedurali in kwantu ghall-oneru tal-provi, sew sostantiv, in rigward ghar-rekwiziti bazici fil-materja in dizamina[1].*

13. *Inghad ukoll, fil-kawza Vella vs Micallef, illi:*
*"Certament, mill-perspettiva legali l-kompetenza funzjonali tat-Tribunal kienet hekk takkordalu l-uzu prexxelt tad-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380]. Jekk, imbaghad, kienx hekk gustifikat fil-fattispeci li kellu jaghmel din hi kwestjoni ohra. Sufficit li f'dan l-istadju jigi sottolinejat b'mod generali illi ghalkemm is-sinjifikat ekwitativ skond il-precitat artikolu jimplika valutazzjoni libera u elastika jibqa' l-fatt illi hu dejjem doveruz li jitharsu wkoll dawk id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali in kwantu dawn,*

[1] Ara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Martin Paul Vella vs Chris Micallef;**

*fejn applikabbli, ma humiex lanqas derogabbli jekk joffru soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja ghal dawk li huma l-aspetti specifici tal-fattispeci konkreti".*

14. *Ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ghandu jaqta u jiddeciedi "kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita" u "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta" – huwa ghandu jhares ukoll id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali l-ghaliex inkella wiehed jista jasal biex fil-kazijiet quddiem it-Tribunal ma jkunx hemm certezza ta' dritt l-ghaliex kollox jkun jiddependi mill-valutazzjoni libera u elastika tal-gudikatur in kwistjoni.*

15. *Issa f'dan il-kaz kif diga inghad, r-rikorrenti hallas is-segwenti:*

| | | |
|---|---|---|
| *i.* | *ghat-towing tal-vettura* | *- €30;* |
| *ii.* | *magna tat-tip Toyota 2C li ghadha ghand l-intimata* | *- €870;* |
| *iii.* | *Timing Belt* | *- €26;* |
| *iv.* | *Engineering works* | *- €70;* |
| *v.* | *Flunge* | *- €210;* |
| *vi.* | *Parts ohra* | *- €50;* |
| *vii.* | *Stainless Steel* | *- €66;* |
| *viii.* | *Clips* | *- €15;* |
| *ix.* | *Silicon Pipes* | *- €112;* |
| *x.* | *Silencer* | *- €30;* |
| *xi.* | *Oil* | *- €15;* |

*b'kollox €1,494.*

16. *Huwa dan l-ammont li ghandha thallas l-intimata lir-rikorrenti. It-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni x-xoghol ta' idejn (labour) ir-rikorrenti ghar-ragunijiet gja hawn fuq spjegati u l-ispejjez extra ġudizzjarji tieghu. Ghal kumplament ta' l-oggetti, l-intimata ibbenefikat minnhom u ghalhekk ghandha thallas ghalihom.*

17. *Ghar-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata li hija ma ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, din sejra tiġi michuda l-ghaliex mill-provi jirrizulta li ghalkemm fil-bidu hija ma kienitx inkarigat lir-rikorrenti biex*

*jaghmlilha dan ix-xoghol, irriżulta li hija sussegwentement kienet tikkomunika mieghu u tiffittah biex ilestilha x-xoghol fuq il-vettura taghha. Apparti minn hekk, meta hija hadet il-vettura, hija tat ċekk lir-rikorrenti ta' elf euro (€1,000) u qaltlu ukoll li kienet sejra thallsu l-bilanc. Mela allura altru milli kien hemm relazzjoni ġuridika.*

18. *Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, t-Tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jichad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata u filwaqt li jilqa in parte t-tieni eċċezzjoni taghha, jichad il-kumplament ta' l-istess eċċezzjoni kull fejn din hija b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż u a bażi ta' l-ekwita, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti, limitatament fl-ammont ta' elf erba' mija u erbgha u disghin euro (€1,494) u konsegwentement jikkundanna lill-istess intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija u erbgha u disghin euro (€1,494) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza.*

*L-ispejjez kollha ghandhom jiġu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-intimata u kwart mir-rikorrenti."*

Illi minn din id-decizjoni appellat Pauline Debono, l-intimata abbazi tas-sewgenti aggravvji:

1. Illi t-Tribunal malament cahad l-eccezzjoni sollevata minnha dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnha u l-attur appellat billi hija qatt ma kienet inkarigat lill-attur appellat sabiex jaghmel xogholijiet fuq il-vettura taghha izda lil certu Stefan Fiorini.

2. Illi x-xoghol esegwiet mill-appellat ma kienx skont is-sengha u l-arti billi huwa wahhal fil-vettura magna li ma kenitx kompatibbli mal-ghamla tal-vettura taghha. Kwindi it-Tribunal malament applika il-principji ta'l-ekwita ghal dan il-kaz u ghadda sabiex illikwida somma ohra inferjuri ghal dik mitluba mill-attur appellat biex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas.

3. Inoltre it-Tribunal applika il-principji legali li isawwru l-istitut tal-bejgh u ippenalizzat lill-appellanti ghaliex ma irritornatx il-magna tal-vettura

> maghmula mill-appellat fil-vettura taghha, meta in-negozju guridiku ta' bejn il-partijiet kien dak ta'l-appalt. Kwindi hija kellha kull dritt ma tirritornax il-magna billi hija ma iggwadanjat xejn mix-xoghol esegwiet mill-appellat izda dahhlet fi spiza ohra sabiex issewwi l-vettura taghha.

Preliminarjament l-appellanti tilmenta illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-appellat u dan ghaliex hija kienet hadet il-vettura taghha ghat-tiswija ghand certu Fiorini, li meta induna li ma kellux s-sengha mehtiega sabiex jirranga id-difett li kellha l-vettura tal-appellanti irreferieha ghand terza persuna u cioe' ghand l-appellat. Kien hawnhekk ghalhekk li inholoq rapport kontrattwali bejnha u bejn Ciappara li indahal sabiex jaghti servizz lill-appellanti billi jiehu l-izbriga li jibdlilha il-magna tal-vettura taghha. "*B' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f' sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.*[2]"

Illi affermata dina id-definizzjoni gurisprudenzjali ta' dak li jikkostitwixxi ir-rapport guridiku u applikat l-istess ghall-fattispecje ta' dan il-kaz ghandu johrog illi mill-mument illi l-appellanti accettat illi l-vettura taghha tghaddi f'idejn l-appellat ghar-riparazzjoni necessarja, inholoq rapport guridku gdid bejniethom tant illi l-appellat accetta illi jezegwixxi obbligazzjoni minn naha tieghu favur l-appellanti u hi minn naha ippretendiet illi huwa jezegwixxi ix-xoghol li inkariga ruhu ghalihom favur taghha, tant illi anke ghaddietlu direttament il-hlas ta' elf

[2] Korporazzjoni ghas-Servizzi ta'l-Ilma vs Emanuel Grixti App.Inf. 10/01/2007

ewro permezz ta’ cekk[3] u accettat li thallas il-bilanc dovut favur tieghu. Kwindi ma jistax jinghad illi dan kien kaz ta’ sub-appalt, kif qed tikkontendi l-appellanti billi ma jirrizultax mill-provi illi kien hemm xi rapport guridiku bejn Fiorini u l-appellat in konnessjoni max-xoghol mertu tal-kaz. Ghaldaqstant id-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward kienet wahda gusta u il-Qorti qed tichad dan l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti.

Sorvolata dina l-kwestjoni procedurali, allura dina il-Qorti hija imsejjha biex tistharreg jekk l-applikazzjoni minn naha tat-Tribunal tal-principji ta’l-ekwita’ ghad-decizjoni taghha kenitx wahda indikata fil-kaz in dizamina. Dan ghaliex ghalkemm it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni illi ix-xoghol maghmul mill-appellat fuq il-vettura ta’ Debono ma kienx sar skont is-sengha u l-arti, madanakollu b’applikazzjoni tal-principji ta’l-ekwita’ ikkundannaha thallas lill-appellat l-ispejjez kollha li gew zburzati minnu ghaliex altrimenti kien tal-fehma illi l-appellanti tigi li arrikkiet ruhha indebitament. Dan b’mod specjali, fid-dawl tal-fatt illi l-appellanti dehrilha li kellha izzomm fil-pussess taghha l-magna mixtrija mill-appellat sabiex titqieghed fil-vettura taghha, ghalkemm din ma kenitx wahda idonja, minflok li iddepozitat l-istess taht l-Awtorita tal-Qorti.

Illi huwa evidenti mill-eccezzjoni moghtija illi l-konvenuta kienet qed tirrezisti t-talba ghall-hlas ghal motiv minnha dedott illi x-xogholijiet ma gewx ezegwiti sew bl-“*exceptio non rite adempleti contractus*”. Stabbiliti ghalhekk il-parametri tal-azzjoni attrici u l-eccezzjonijiet fil-mertu, kif drabi ohra rilevat, “*it-Tribunal ma kellu l-ebda dritt, anke jekk abbazi ta’ l-ekwita`, li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu.*” (“Blye Engineering Company Limited – vs- Vincent Caruana”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000).

***“M’ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb***

[3] Esebiet in atti a fol. 17

***tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza. F'sens konkret ifisser ukoll ezercizzju tal-konsiderazzjoni tal-kuntratt, l-aspett tal-buona fede bhala element integrattiv tal-kuntratt innifsu, l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet pattwiti, l-allegazzjoni li dawn l-istess xoghlijiet ma sarux kif titlob l-arti u s-sengha, u konsiderazzjonijiet ohra rilevanti u konkomitanti bhal, per ezempju l-verifiki teknici ta' l-istess xoghlijiet."***

Dan ifisser allura illi dak li kellu jistharreg preliminarjament it-Tribunal, gjaldarba gie stabbilit bhala fatt illi x-xoghol ezegwiet mill-appellat ma kienx wiehed skont is-sengha u l-arti, kien jekk l-appellanti kenitx sofriet xi danni konsegwenzjali minhabba in-nuqqas ta' adempjenza kontrattwali da parti tieghu. Dan ma giex mistharreg, izda it-Tribunal, fil-fehma ta' din il-Qorti mexa b'mod inikwu meta stabilixxa unikament il-hsara li seta' isofri l-appellat bil-fatt illi huwa kien ghamel l-ispejjez fil-kors tax-xoghol inkarigat biex jaghmel u ikkundanna lill-appellanti thallas dan l-ammont, minghajr ma qies jekk l-appellanti minn naha taghha kenitx sofriet danni minhabba x-xoghol hazin li gie ezegwiet. Illi il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjez inkorsi mill-appellat saru in segwietu ghal decizjonijiet zbaljati maghmula minnu u xoghol hazin esegwiet u mhux minn xi nuqqas kommess da parti ta'l-appellanti. Huwa minnu illi l-magna mixtrija mill-appellanti baqghet fil-pusess taghha, izda hija ma ghandhiex tbati spejjez ohra, fid-dawl tal-fatt illi dahhlet fi spiza akbar sabiex iggib il-vettura taghha tahdem kif suppost. Il-kuntrarju ikun ifisser illi hija tkun qed thallas ghal xoghol lil lilha ma swielha xejn billi kellha tirrikorri lejn terzi biex issewwi l-hsara fil-vettura taghha. Fuq kollox kif stabbilit fil-gurisprudenza:

**(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-**

**quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).**
**(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).**
**(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).**
**(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);**
**(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).**
**(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).**

**Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-**
**(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …" (Kollez. Vol XLII pII p699).**
**(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);**
**(3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma**

**jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – "Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994).**[4]

Kwindi premess dan u applikat l-istess ghal kaz in dizamina, dina l-Qorti hija tal-fehma illi gjaldarba gie stabbilit mit-Tribunal illi ix-xoghol maghmul kien wiehed difettuz, l-appaltatur kellu wiegeb ghal dan in-nuqqas da parti tieghu u allura id-decizjoni ma kenitx konformi la mad-dottrina u punti ta' dritt applikabbli ghal kaz u lanqas mal-prinicpji tal-ekwita'. Dan ghaliex il-Qorti ma tistax tara, kif ikkonkluda it-Tribunal illi l-appellanti setghet b'xi mod ibbenefikat mix-xoghol hazin li sar fejn id-difetti kienu sostanzjali tant illi l-magna installata fil-vettura taghha mill-appellat ma kenitx wahda idonja u wasslet sabiex ikkagunathielha iktar hsara.

Dan iwassal ghat-tielet aggravvju sollevat mill-appellanti lil tishaq illi gjaldarba in-negozju guridku kien wiehed ta' appalt u mhux ta' bejgh allura hija ma kenitx obbligata tiddepozita l-magna li l-appellat kien installa fil-vettura taghha taht l-Awtorita tal-Qorti. Illi l-Qorti tara illi l-appellanti ghandha ragun. Dan ghaliex ir-responsabbilita ta'l-appaltatur f'dan il-kaz ma kienx semplicement wiehed ta' xoghol, izda ukoll illi iforni il-materjal addatat ghax-xoghol li kien qieghed jezegwixxi, haga li naqas milli jaghmel. Illi l-magna fornita mill-appellat ma ghandha l-ebda utilita' ghall-appellanti tant illi kif diga' inghad hija kellha tirrikorri lejn terzi sabiex isir xoghol siwi fuq il-vettura taghha. Madanakollu, "***meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid thallas lill-parti l-ohra d-danni. Hawnhekk jidhlu fis-sehh id-disposizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodici Civili. Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-***

[4] Pierre Darmanin vs Moira Agius et App. Inf 06/10/2004

***parti kontraenti mgarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mgarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti***[5]."

Dan ifisser allura illi l-appellanti ma ghandha thallas xejn ghax-xoghol hazin ezegwiet mill-appellanti, izda b'applikazzjoni tal-principji tal-ekwita ghal dina il-vertenza hija ghandha tirritorna l-magna lill-appellat billi din ma tiswa xejn ghaliha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel aggravju, tilqa' l-kumplament tal-aggravvji imressqa 'il quddiem mill-appellanti u filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tordna lill-istess appellanti sabiex fi zmien xahar mil-lum tirritorna lill-appellat il-magna li ghandha fil-pussess taghha tat-tip Toyota 2C.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tal-appellat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Mekanika Limited vs Eurobyte Limited – PA 10/11/2010